**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 18 ta' Lulju, 2016

Il- Pulizija
(Spt. Robert Vella)

-vs-

**Juliette Spiteri detentrici tal-karta tal-identità bin-numru 502483(M)**

Kumpilazzjoni Nru. 259/13

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Juliette Spiteri talli:

Fit-13 ta' April 2012 ġewwa Triq il-Kbira il-Ħamrun -

1. Saqet vettura bin-numra tar-reġistrazzjoni AAL153 u b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabtet ma' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni PFU004 u involontarjament ikkaġunat ħsara għad-dannu ta' Cheralin Zahra;
2. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġunat offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gabriele Bertone skont kif iċċertifikat Dr Darlene Muscat M. D. Reg. 5305 mill-Isptar Mater Dei.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata tiddikjara li m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi hekk trattat.

Rat li l-imputata fil-kors tas-seduta mizmuma llum rregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront

taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi l-Qorti wara li qiset l-istess provi ssib lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni b'dan illi jigi precizat li l-htija taghha hija fuq sewqan b'nuqqas ta' kont.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qeghda tinstab hatja taghhom l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz, kif ukoll tal-fatt li l-parte leza giet rizarcita in toto ghad-danni minnha sofferti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 328 (c) tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 15(1)(a) u (3) fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha kif inghad, izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberaha.

Inoltre` tiskwalifika lill-imputata milli jkollha jew tikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tmient ijiem millum.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**